MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 538/2010

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**Vs**
**Doris Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-23 ta' Gunju, 2007 ghall-habta ta' 1.55 p.m. gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun

1. ingurjat u hedded jew ghamlet offiza fuq il-persuni ta' diversi membri tal-Korp tal-Pulizija, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tbezzaghhom jew li tinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz;
2. naqset li tobdi l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirhom;

3. qalet kliem oxxen u fahxi li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
4. volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-3 ta' dicembru, 2010, li biha ma sabitx lill-appellanti hatja tat-tielet akkuza w minnha lliberata izda sabitha hatja tal-ewwel, it-tieni u r-raba` akkuzi u wara li rat l-artikoli 95(1) u 338(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kkundannatha għal multa ta' €30.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-16 ta' Dicembru, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti li sabitha mhux hatja w thassarha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitha hatja billi minflok tiddikjarha mhux hatja w tilliberaha skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellanti huwa s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-akkuzi ma setghux isiru u ma sarux minn naha ta' l-appellanti u dan peress sahhitha ma tippermettiex l-agir kif indikat fl-att ta' l-akkuza. Illi di piu`, fl-atti tal-kawza hemm dokumenti medici li juru li l-kundizzjoni ta' sahhiet l-appellanti hi tali li m'hijiex f'posizzjoni li taghmel dak allegat fl-akkuza. Illi di piu`, l-appellanti kienet ghadha kif harget mill-isptar liema haga timmilita favur l-appellanti u tahdem kontra l-istess ufficjali tal-Pulizija tal-Hamrun f'dan ir-rigward;
2. Illi l-agir ta' l-appellanti kien ghal kollox limitat u b'hekk jidher car li ghal ragunijiet ta' l-istess ufficjali tal-Pulizija li jafu huma biss huma agixxew b'mod irregolari u ghalhekk gew f'posizzjoni biex jippruvaw jiggustifikaw l-agir taghhom liema haga ssir ta' spiss imma sfortunatament ic-cittadin ikun hafna zvantaggjat bhal ma hu dan il-kaz odjern;

3. Illi di piu, minhabba sahhet l-appellanti, l-appellanti qed tigi akkuzata qisha (Rambo) meta qatt ma seta' jkun biex b'hekk f'dan ir-rigward qed jirrizulta car abbuz tal-posizzjoni fil-kaz odjern;
4. Illi ta' minn isemmi li l-ufficjali tal-Pulizija ta' l-ghassa tal-Hamrun jafu li kien hemm rapport ufficjali kontra l-agir minhabba l-agir taghhom liema agir qed jigi investigat mill-bord dixxiplinarju u b'hekk wiehed jara l-importanza ta' l-ezitu ta' din is-sentenza biex jigu ezonorati meta huma jafu li fil-fatt huma vera l-"hatjin" f'dawn ic-cirkostanzi;
5. Illi n-nuqqas ta' professjonalita' u serjeta` minn naha ta' l-ufficjali tal-Pulizija tispikka mill-fatt li fir-realta` l-appellanti bil-kemm agixxiet fl-allegat incident liema haga giet ghal kollox injorata fid-dawl tal-kaz u li timmilita kontra l-istess ufficjali tal-Pulizija f'dan ir-rigward;
6. Illi di piu`, n-nuqqas ta' kredibilita` minn naha tal-Pulizija u li giet injorata mill-Ewwel Qorti mill-fatt li injorat ghal kollox meta l-Avukat Busuttil kien cempel u l-ufficjali tal-Pulizija nqabdu li gidbu lill-Avukat li John Fenech ma kienx hemm meta staqsa ghalih u dan meta sema' l-vuci tiegħu meta kien qed jitkellem lill-ufficjal tal-Pulizija mara.

Ikkonsidrat

Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti sakemm din tkun leglament u fattwalment raġonevoli.

Li l-ewwel dokument li jidher fil-proċess huwa rapport redatt minn PS 426 Anthony Portelli. F'dan ir-rapport hemm imniżżel li fit-23 ta' Ġunju 2007 Doris Fenech marret l-Għassa tal-Pulizija tal-Hamrun flimkien ma' żewġha John Fenech u riedet titkellem dwar rapport li kien sar fit-22 ta' Ġunju 2007. Hija bdiet tgħajjat u żewġha kellu jikkontrollha. Hija ma obdietx l-ordni tal-Pulizija biex toħroġ mill-għassa. SM 86 A Lia kien niżel biex jikkalma lis-sinjura Fenech iżda meta ra li għalxejn kien ordna lill-WPC 68 biex toħroġ lis-sinjura. Is-Sinjura Fenech irrifjutat li tagħmel dan u ħarġet biss meta żewġha ħariġha 'l barra waqt li kien qed jikkalmha.

L-appellanti ppreżentat .ċertifikat mediku (a fol 13).

L-appellanti u żewġha xehdu isfel ukoll.

Fl-Appell xehdu diversi persuni fosthom PS 426 Anthony Portelli li kien ippreżenta r-rapport li diġa' saret referenza għalih u li kkonferma bil-ġurament għalkemm l-okkorenza ma kienx għamilha hu. Il-computer kien miftuħ fuq ismu. Wara kien qara r-rapport u qabel miegħu. Dan xehed li l-appellanti kienet qed tkellem lill-PC1 fuq xi rapport meta bdiet tgħajjat. Huwa ra x-xena kollha quddiem għajnejh.

Huwa ma kellux idea li l-appellanti kienet għadha kif ħarġet mill-isptar. Huwa skanta kif għandha dawn il-problemi u ġabet ruħha hekk. Ix-xhud ma kellu x'jaqsam xejn mar-rapport li kien sar il-jum ta' qabel għax ma kienx xogħol. Huwa ċaħad li xi ħadd kellmu fuq xi passi dixxiplinari kontra tiegħu mill-2007 'l hawn. L-akkużi ddaħħlu dak il-ħin stess. Lill-appellanti bdew jordnawlha biex tikkalma u ma bdietx tobdi. Kellha tinħareġ mill-għassa bilfors. Huwa ċaħad li kienu ġrew wara l-appellanti għall-particulars għaliex hi kienet baqgħet fuq l-istess bankina.

PS 1 Joseph Busuttil xehed li l-appellanti kienet marret biex iżżid fuq rapport li kien sar il-jum ta' qabel. Huwa pprova jfehemha li r-rapport li kienet qed tagħmel kien qisu follow up ta' dak li kien sar tas-Sliema. Hija bdiet tgħajjat u widdibha li jekk ser tibqa' tgħajjat kien ser joħroġ taħrika kontra tagħha. Ir-raġel tagħha żammilha ħalqha u ħariġha hu stess. Hi kienet hedditu li sr tgħid lil ħuha. Huma kienu ordnawlha biex tikkalma u lanqas riedet toħroġ wara li qalulha beix tagħmel hekk.

Fil-kontro-eżami huwa qal li ma setax jgħid għax aġixxiet hekk għax hu mhux mediku. Huwa nnega li qalilha 'Kemm inti qżież u dardira'. Il-Maġġur Lia kien tassew niżelu qal lilha biex tikkontrolla ruħha.

Xehed ukoll l-ex-Maġġur Lia. Huwa qal li kien sab mara tgħajjat ma' PC1. Huwa pprova jikkalmha. Huwa qal lill-Pulizija joħorġuha barra ħa tilħaq tikkalma.

Fil-kontro-eżami huwa qal li kien hemm EPC 68 u żewġ kuntistabblijiet oħra beix joħorġuha ‘l barra u għen ir-raġel. Wara sar jaf li kien sar rapport fuq xi inċident li ġara qrib l-Isptr ta’ San Luqa. Ir-rapport kellu jkun trasferit lejn tas-Sliema. PS 1 ma kienx aggressiv fil-konfront ta’ l-appellanti. L-appellnati qalet lil PC1 ‘għandi ħija pulizija , issa tkun taf min  hu u ngħidlek min hu.’.

Xehed ukoll PC 99 Mario Portelli li qal li kien sema’ lill-appellanti tgħajjat ma’ PC1 Joseph Busuttil. Żewġha beda jagħlqilha ħalqha. Kien għadda wisq żmien mill-fatti biex jibqa’ jiftakar.

L-aħħar xhud tal-Prosekuzzjoni kien PS 1195 Conrad Debattista li qal li l-appellanti marret tkellem lill-PC1 u spiċċat tgħajjat u tgħid li ser tgħid lil ħuha.  Huma talbu lir-raġel tagħha li joroġha ‘l barra għax kienet tilfet il-kontroll. Hija u ħierġa ‘l barra baqgħet tgħid li kienet taf lill-Pulizija u li kienet ser tappihielu.

**Difiża**

Xehdet l-appellanti li qalet li hi u r-raġel taħgha kienu marru l-għassa jagħmlu rapport minħabba inċident li ġara fil-jum ta’ qabel. Hija qalet li PC 1 qalilha ‘Għandu jkun int aqta’ kemm inti kiesħa u dardira.’  Ma tawhiex ċans titkellem għax semmiet lil ħuha. Mill-għassa kienu qalu lill-Avukat Difensur li r-raġel tal-appellanti ma kienx hemm filwaqt li kien hemm.  Kienu barra t-triq meta qalulhom li ser jagħmlulhom rapport.  Minħabba f’dan l-inċident huma kienu għamlu rapport fil-kwartieri ġenerali tal-pulizija.

Fil-kontro-eżami l-appellanti qalet li hija kienet marret l-għassa għax A.T (fil-jum ta’ qabel) mhux biss kien kellem lir-raġel tagħha ħażin iżda lilha wkoll.  Qalet ukoll li qattma kienet kellmet lill-PC1. L-Ispettur Lia kien qallu ‘Aqtagħha Joe.’ Qalet ukoll li kien hemm seba’ pulizija fl-għassa.

Xehed koll ir-raġel tal-appellanti John Fenech. Huwa qal li PC1 kien diġa’ qal xi kummenti ħdejn l-isptar u għalhekk mar l-għassa biex jara x’kien ġara.  Huwa qal li PC1 kien

qabeż għal A.T. Huma marru l-għassa biex jaraw x'ser jiġri minn dak ir-rapport. Huwa qal lil martu li kienet qażżitu meta lanqas kienet kellmitu. Imbagħad lilu qallu 'Jekk għandek xi rapport x'tagħmel, agħmlu inkella ħa narrestak jekk ma titlaqx 'il barra.' Meta ċempel lill-avukat tiegħi, pulizija mara qaltlu li hu (ix-xhud) ma kienx hemm.

Fil-kontro-eżami hu qal li huma (martu u x-xhud) rispett kellhom lejn il-Pulizija.

Ikkonsidrat

Minkejja li -aggravji huma sitta dawn jistgħu jinġabru f'aggravju wieħed - Illi l-appellanti m'għandhiex dik is-saħħa fiżika li twettaq dawn ir-reati u kontravenzjonijiet u li kienu l-uffiċjali li naqsu bl-aġir tagħhom.

Il-Qorti iżda mhix tilqa' dan l-aggravju. Il-problemi tas-saħħa fiżika ma jeskludix li l-appellanti setgħet għolliet leħinha aktar milli suppost u li ma obdietx l-ordni tal-Pulizija u ħarġet 'il barra meta ntalbet tagħmel dan.
Il-Qorti semgħet ix-xhieda kollha mill-ġdid. Qed tikkonkludi li PC1 tassew qal xi kliem mhux kumplimentuż lill-appellanti għalkemm huwa ċaħad dan. Iżda jidher ukoll li dan l-uffiċjal kien qed jipprova jispjega x'kienet il-proċedura ta' kif kien ser jitmexxa r-rapport. F'dan il-mument pero' l-appellanti ma għarfitx iżżomm il-kalma u bdiet iddaħħal lil ħuha fin-nofs, ħaġa li ma jmissha għamlitha qatt. **Wara kollox jirriżulta li jekk riedet tagħmel xi żieda fir-rapport, din iż-żieda kienet ser issir**. Biss fil-fehma tal-Qorti, ir-referenza li għamlet l-appellanti għal ħuha (li huwa pulizija wkoll) jiġi 'għalih' mhix xi theddida li għandha twassal xi sanzjoni taħt l-artikolu 95(1) tal-Kap 9 (liema artikolu jikkontempla din is-sitwazzjoni fis-subinċiż 2) iżda biss kontravenzjoni taħt l-artikolu 339(1)(e) – jiġifieri kontravenzjoni, liema kontravenzjoni hija kompriża u involuta taħt l-artikolu 95(1) tal-Kap 9.

Hija ħatja wkoll tal-kontravenzjoni li ma obdietx l-ordni leġittimi tal-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom għax imissha waqfet tgħajjat u ħarġet ukoll jekk sakemm

tikkalma ftit.  Din kienet sitwazzjoni li setgħet faċilment tkun diskussa b'mod kalm.

Kif qalet l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellanti mhix ħatja tat-tielet imputazzjoni għax m'hemm ebda prova li l-appellanti qalet xi kliem oxxen jew faħxi.

Hija ħatja tar-raba' imputazzjoni ta' ksur tal-bon ordni bil-mod kif aġġixxiet..

**Konklużjoni**

Il-Qorti għalhekk, wara li rat l-artikolu 339(1)(e) kif kompriż fl-artikolu 95(1) tal-Kap 9, l-artikoli 338(ee), 338(bb) u 338(dd) qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi 'Il-Pulizija versus Doris Fenech'  tat-3 ta' Diċembru 2010 kif ġej:

(i) tikkonferma l-ħtija li nstabet mill-Ewwel Onorabbli Qorti dwar it-tieni u r-raba' imputazzjoni u l-liberazzjoni mit-tielet imputazzjoni;

U qed tirriformha

(ii)  billi flok issibha ħatja taħt l-artikolu 95(1) tal-Kap 9 għall-ewwel imputazzjoni qed issibha ħatja taħt il-kontravenzjoni 339(1)(e) tal-Kap 9; u

(iii) billi flok il-kundanna għall-ħlas ta' multa ta' €30 qed ittiha twiddiba  (R&A).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------